MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Mandat Numru. 125/2013/1

**Suzanne Busuttil u Brian Busuttil**
**f'ismu proprju u bhala Direttur f'isem u**
**in rapprezentanza ta' Stealth Holdings Limited**

**vs**
**Francis Busuttil & Sons Limited,**
**B & S Contractors Limited,**
**Franco Busuttil,**
**Michael Busuttil,**
**Joseph Busuttil,**
**Christian Busuttil, u**
**Jean Paul Busuttil,**
**ilkoll fil-kwalita taghhom kollha bhala diretturi**
**f'isem Francis Busuttil & Sons Limited u**
**B & S Contractors Limited, hlief Franco Busuttil**
**li ma huwiex Direttur ta' B & S Contractors Limited u**
**Jean Paul Busuttil li ma huwiex direttur**
**ta' Francis Busuttil & Sons Limited u**
**ghal kull interess li jista' jkollhom,**
**Foster Clark Products Limited,**

**Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited,**
**B & S Exports Limited,**
**B & S Manufacturing Limited u**
**Chris Degiorgio bhala Direttur ta'**
**Foster Clark Products Limited u**
**ta' Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited**

## Il-Qorti

Rat it-talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati tal-25 ta' Jannar 2013 li gie milqugh provvizorjament fil-konfront biss tal-laqgha li kellha ssir min Francis Busuttil & Sons Limited fit-30 ta' Jannar 2013;

Rat ir-risposta tal-intimati tat-28 ta' Jannar 2013;

Rat l-atti u semghet id-difensuri tal-partijiet.

## Ikkunsidrat

Premess li l-ghan ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Ir-rikorrenti qed jitolbu biex ma jithallewx isiru zewg extraordinary general meetings, wahda ta' Francis Busuttil & Sons Limited u iehor ta' B & S Contracting Limited fit-30

ta’ Jannar 2013 u 6 ta’ Frar 2013 rispettivament u dan peress illi l-agenda hi t-tnehhija ta’ Suzanne Busuttil minn direttrici fiz-zewg kumpaniji. Ir-raguni moghtija hi li l-iskop tat-tnehhija hi ritaljazzjoni kontra taghha wara oggezzjonijiet li qed taghmel dwar it-tmexxija tal-kumpaniji u sabiex ma jibqalhiex access qua direttrici ghal informazzjoni tal-kumpanija u ebda sehem fid-decizjonijiet tal-istess. Hi istitwit kawza fuq dan ukoll qua azzjonista a bazi tal-artikolu 402 tal-Kap. 386.

L-intimati taw diversi risposti preliminari dwar integrita tal-gudizzju li din il-Qorti ma thoss li hemm il-htiega li tidhol fihom billi hemm raguni soda ghaliex dan il-mandat ma jistax jitlaqa’.

Dak li qed jitolbu r-rikorrenti hu in effett li ma jsehhux zewg extraordinary general meetings biex ma tigix diskussa u tittiehed decizjoni fuq tnehhija ta’ direttrici mill-kawza. Il-Qorti ma tifhimx fejn hu l-prima facie dritt vantat mir-rikorrenti qua direttrici li tibqa f’din il-kariga nonostante talba ghat-tnehhija li f’dan il-kaz jidher li saret mill-azzjonisti tramite l-Bord tad-Diretturi biex tissejjah laqgha straordinarja tal-kumpanija ghal dan l-iskop. Il-ligi ma tippreskrivi ebda dritt li persuna appuntata direttrici ma tistax titnehha skond ma tippermetti l-ligi. L-artikolu 140 tal-Kap. 386 jaghti d-dritt lill-azzjonisti ta’ kull socjeta li b’rizoluzzjoni ta’ aktar minn 50 fil-mija jnehhu direttur f’kull mument anki qabel it-tmien tal-’period of office’ tieghu, u dan nonostante dak li jista’ jippreskrivi l-memorandum and articles tal-kumpanija u kull ftehim bejn id-direttur u l-istess kumpanija. Jekk ovvjament id-direttur qed jitnehha u fil-fatt jitnehha ghar-ragunijiet mhux legittimi, ghandu r-rimedju ghad-danni, u jekk hu azzjonist, bhal f’dan il-kaz, ghandu r-rimedju li taghtih il-ligi tal-kumpaniji.

Ir-rikorrenti qed isostnu illi l-laqgha generali ta’ B & S Contractors Limited giet imsejha illegalment ghax it-talba tal-azzjonisti biex issir il-laqgha ma ghaddietx mill-Bord kif kellu jsir.

L-intimati esebew minuta ffirmata minn tlett diretturi minn hamsa fejn is-segretarju tal-kumpanija intalab jsejjah extraordinary general meeting.

Jista' jkun illi ma saritx laqgha formali tal-Bord tad-Diretturi biex tissejjah il-laqgha izda b'daqshekk ma jfissirx li s-sejha tal-laqgha hi invalida. Il-Bord tad-Diretturi ma ghandux xelta f'kaz ta' talba ghal laqgha straordinarja mill-azzjonisti. Il-Bord jagixxi biss ta' rubber stamp biex jiffisa data u xejn aktar. Inoltre jekk il-laqgha ma tissejjahx mill-Bord tad-Diretturi fi zmien wiehed u ghoxrin jum mit-talba mill-azzjonisti, allura l-azzjonisti ghandhom dritt isejhu l-laqgha huma stess (art. 129 Kap. 386). Ma saret ebda prova li t-talba tal-azzjonisti saret minghajr id-debita percentwali mehtiega ghal tali sejha.

L-intimati sahqu hafna fuq l-artikolu 402 tal-Kap. 386. Pero dan l-artikolu hu intiz biex jigu salvagwardati d-drittijiet tal-azzjonisti f'minoranza u r-rimedji huma mmirati ghal tali azzjonisti. F'dan il-kaz hu d-direttur li qed jitlob mizura prekawzjonali mhux l-azzjonist u r-regoli ghalih huma ben elenkati fl-istess ligi.

Mhux hekk biss l-Qorti ma tistax tifhem kif ir-rikorrenti qed tallega, ghax dan hu kondizzjoni ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni illi ser issofri pregudizzju irrimedjabbli jekk tigi mnehhija. Ma ngiebet ebda prova oggettiva ta' hsara, aktar u aktar wahda irrimedjabbli, meta l-ligi taghti drittijiet lid-direttur li jitnehha ingustament. Inoltre qua azzjonijist kif gia intqal hemm proceduri u rimedji differenti f'kaz ta' tmexxija hazin a skapitu tal-istess socjeta li taghha r-rikorrenti tifforma parti qua azzjonista.

Il-Qorti b'referenza ghar-rikorrent l-iehor ma tarax x'interess ghandu f'din il-vertenza meta hu ma hu qed jitlob xejn f'dan il-mandat u kull ma jinghad fir-rikors hu fil-konfront tar-rikorrenti Suzanne Busuttil.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti ma tqis li t-talba tar-rikorrenti hi gustifikata u filwaqt li tirrevoka contrario imperio d-digriet

taghha tad-29 ta’ Jannar 2013, tichad it-talba tar-rikorrenti ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------